# Ilkoll Favur Żwieġ B' Saħħtu

Ħbieb,

Bħala ċittadini Maltin, u Insara impenjati fil-ħidmiet tal-Knisja, tafu bħalna bl-isfidi kbar li jeżistu għas-saħħa tal-Familji tagħna, speċjalment għar-relazzjoni ewlenija u fondamentali għal kull familja, li hija ir-relazzjoni bejn il-miżżewġin. F'dan is-sens, kull ħidma b'risq il-Familja trid tibda b'enfasi fuq **ŻWIEĠ B'SAĦĦTU**. Sfortunatament, iktar isir diskors fuq it-tkissir taż-Żwieġ (separazzjonijiet, annullamenti, divorżju), milli fuq **IŻ-ŻWIEĠ B'SAĦĦTU** bħala **L-IDEJAL POSSIBBLI**.

Fuq dan l-isfond, il-Moviment ta' Kana u Caritas Malta, flimkien mal-Kummissjoni Djoċesana Familja, ilna ġimgħat inħejju dak li sejjaħna **PROĠETT ŻWIEĠ B'SAĦĦTU**, li jinkludi diversi inizjattivi. Il-Proġett jilħaq il-qofol tiegħu bil-**Konferenza Nazzjonali** li se jkollna is-Sibt, 27 t'Ottubru, 2007, mid-9.00 sas-1.00 p.m., fis-Sala ta' l-Iskola Santa Monika, Gżira, ħdejn il-pixxina Nazzjonali, bis-suġġett: **ILKOLL FAVUR ŻWIEĠ B'SAĦĦTU**.

Il-Konferenza tikkonsisti 1) f'Rapport dwar Riċerka fuq is-suġġett mill-Aġenzija Discern; 2) Tlett reazzjonijiett fuq ir-Rapport; 3) diskors prinċipali minn **Dr.**

**Samantha Callan Ph.D.**, esperta kbira fuq is-suġġett; u 4) reazzjonijiet u suġġerimenti mill-udjenza. Bħala riżultat tal-Konferenza, hu maħsub li titwaqqaf Task Force (b'bażi wiesgħa), biex tara li d-diskorsi u suġġerimenti jkomlu jiġu imbuttati 'l quddiem.

Għal dil-Konferenza huma mistiedna u mħeġġa jattendu, koppji miżżewġin u għarajjes, parlamentari, politiċi, ġurnalisti, saċerdoti, professjonisti oħra, u **fuq kollox membri ta' Għaqdiet reliġjużi u ċivili li b'xi mod jaħdmu għall-ġid tal-familji Maltin**.

**Tifhmu għalhekk li l-preżenza u s-sehem f'dil-Konferenza, ta kull min jaħdem fi ħdan Kana u Caritas huma indispensabbli. Ma nistgħux naffordjaw li nkunu proprju aħna li nkunu indifferenti u assenti. Is-sehem attiv tagħna, numeruż u mħejji sewwa, jagħti sinjal sabiħ u entużjasta lis-soċjeta Maltija kollha kemm hi. Inħeġġukom mhux biss li tattendu l-Konferenza, imma li titolbu għas-suċċess tagħna; mhux biss f'sens ta' attendenza numeruża, imma fuq kollox fil-promozzjoni effettiva tal-valur ŻWIEĠ B' SAĦĦTU, anke wara l-Konferenza.**

Nirringrazzjawkom bil-quddiem. Il-paċi magħkom u mal-familja tagħkom.

Fr. Joe Mizzi, Moviment ta' Kana

Alex Attard, Caritas Malta

Servolo Delicata, Kummissjoni Djoċesana Familja